Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10795 – TA ASSOCIATES / VISTA / iCIMS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2022/C 285/07)

1. Fid-19 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— TA Associates Management L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Vista Equity Partners Management, LLC ("Vista", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— iCIMS Holdings LLC ("iCIMS", l-Istati Uniti tal-Amerka), ikkontrollata esklużivament minn Vista.

TA Associates u Vista jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' iCIMS.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— TA Associates: ditta ta' ekwità privata li għandha kumpaniji tal-portafoll attivi f'industriji magħżula, inklużi s-servizzi tan-negozju, il-konsumatur, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa u t-teknoloġiji,

— Vista: ditta tal-investiment iffukata fuq l-għoti tas-setgħa u t-tkabbir ta' software għall-intrapriżi, *data* u negozji abilitati mit-teknoloġija,

— iCIMS: fornitur ta' software tar-riżorsi umani biex jgħin fir-reklutaġġ tal-persunal u l-onboarding.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' tkun koperta mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż mill-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]), jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tkun speċifikata:

M.10795 – TA ASSOCIATES / VISTA / iCIMS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË